# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar l-4 ta' Novembru 2021**

**Rikors Numru : 318/2021JPG**

**Kawza Numru : 18**

**VCO**

**vs**

**CM**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ta' **VCO**, datat 23 ta' Lulju 2021, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi l-esponenti zzewwgu nhar it-tletin (30) ta' Mejju tas-sena elfejn u disgha (2009) gewwa registru civili il-Belt Valletta, certifikat taż-żwieġ esebit, anness u mmarkat Dok 'A';*

*Illi l-partijiet xoljew u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti ta' bejniethom u effetwaw is-separazzjoni personali permezz ta' kuntratt ta separazzjoni personali ppubblikat in atti tan-Nutar Dottor Ann Fenech Adami nhar id-disgha (9) ta' Lulju, tas-sena elfejn u dsatax (2019), kuntratt esebit, anness u mmarkat Dok 'B';*

*Illi miz-zwieg ta' bejn il-partijiet twieldet tifla ACO nhar il-hmistax (15) ta' Settembru*

*tas-sena elfejn u tlettax (2013) u ghadha minorenni;*

*Illi l-partijiet ilhom separati de facto minn Jannar tas-sena elfejn u sittax (2016) kif jirrizulta minn klawzola numru tmintax (18) tal-kuntratt anness (vide Dok. 'B');*

*Illi ebda manteniment ma huwa dovut bejn il-konjugi kif jinghad f'paragrafu numru tlieta (3), tal-kuntratt ta' separazzjoni (vide. Dok. 'B');*

*Illi permezz tal-istess Att ta' separazzjoni l-partijiet irregolaw l-aspetti kollha koncernanti l-minuri u l-esponenti jiddikjara li da parti tieghu ma hemm ebda pendenza rigwardanti manteniment jew spejjez ohra;*

*Illi inoltre ma tesizti ebda possibilita` ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;*

*Illi ghalhekk jikkonkorru l-kriterji kollha rikjesti mill-Ligi għall-ħall taż-żwieġ u għad-divorzju tal-partijiet skond l-Artikolu 66B et sequitur tal-Kodici Civili tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Għaldaqstant umilment u bir-rispett l-esponenti jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

1. *Tippronunzja l-hall taz-żwieġ ta' bejn il-partijiet.*

2. *Tordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex fi żmien mħolli għal daqshekk mill-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi reġistrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' CMO datata 26 t'Awwissu 2021 (Vide Fol 29) li taqra hekk:

1. *Illi l-intimata ma topponix ghat-talbiet tar-rikorrenti sabiex dina l-Onorabbli Qorti*

*tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet u sabiex jigi registrat fir-Registru Pubbliku u taqbel ma dak kollu iddikjarat fir-rikors tar-rikorrenti.*

2. *Illi r-rikorrenti dejjem onora l-obbligi tieghu skond il-kuntratt ta' separazzjoni datata 9 ta' Lulju 2019 fl-atti tan-Nutar Dr Ann Fenech Adami.*

*Ghaldaqstant l-intimat titlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex it-talbiet tar-rikorrenti jigu milqugha u dan taht dawk il-kundizzjonijiet kollha li jidrilha xierqa u opportuni.*

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat in-nota tal-attur datat 10 t'Awwissu 2021 (Vide Fol 28) fejn iddikjara li ma ghandu l-ebda provi ulterjuri x'jipproduci u stieden lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza.

Rat ukoll in-nota tal-intimata datata 26 t'Awwisu 2021 (Vide Fol 33) li biha nfurmat lill-Qorti li m'ghandhiex aktar provi jew trattazzjoni ulterjuri x'tghamel u stidienet lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza.

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**VCO (vide affidavit fol 5)** illi huwa zzeweg lill-intimata nhar it-30 ta' Mejju 2009 u li minn dan iz-zwieg kellhom tifla wahda, Amira li twieldet fis-16 ta' Settembru 2013. Xehed illi fil-fatt isseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-Nutar Dr Ann Fenech Adami datat 9 ta' Lulju 2019. Iddikjara li fl-istess kuntratt ma hemm ebda arretrati ta' manteniment dovut fil-konfront tat-tifla. Jikkonferma wkoll li ma ebda possibilita' ta' rikonciljazzjoni.

**CM ikkorroborat ma dak kollu li xehed l-attur. (Vide affidavit fol 31)**

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju***

***jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***

***(… omissis)***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***

***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***

***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta'***

***manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-30 ta' Mejju 2009, liema zwieg jgib c-certifikat numru 654/2009 (vide Dok A), certifikat taz-zwieg, a fol 6; u li minn dan iz-zwieg twieldet tifla ACO.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali nhar id-9 ta' Lulju 2019 fl-atti tan-Nutar Dr Ann Fenech Adami (vide Dok B, a fol 7 et seqq.) u ilhom separati de facto sa minn Jannar 2016. Ghalhekk, jirrizulta illi l-partijiet ilhom separati ghal aktar zmien minn dak rikjest mil-ligi.

Il-Qorti tqis inoltre li jirrizulta sufficjentement pprovat li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet. Di piu', ma jirrizultax li hemm arretrati ta' manteniment dovut.

Ghalhekk jirrizulta illi l-partijiet issodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib ic-certifikat numru 654/2009 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna spejjes jibqghu bla taxxa bejn l-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**